MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Numru. 369/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Rosanne Debattista]**

**vs**

**Ian Zammit**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ian Zammit detentur tal-karta tal-identita` numru 227489 (M).

Akkuzat talli:
F'San Giljan fl-1 ta' April, 2012 ghal habta tas-2:00 ta' filghodu minghajr hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja fil-periklu car ta' Floyd Bonnici ikkaguna ferita ta' natura gravi liema offiza tista' ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem jew ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-

idejn tal-offiz jew iggib marda tal-mohh, jew tal-gisem li ddum tletin gurnata jew izjed inkella ghal daqshekk zmien izzomm lill-offiz Floyd Bonnici milli jmur ghax-xoghol u dan bi ksur tal-artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u

Talli ta fastidju lil persuna ohra u bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor jibza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet u

Talli pubblikament, xewwex persuna/i ohra sabiex taghmel/jaghmel reat anke ghall-fatt biss li jkun xewwixha/xewwixhom u dan bi ksur tal-artikolu 69 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u

Talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat jew glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat Ian Zammit.

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta.

Rat l-atti kollha inkluz l-Artikoli 214, 215, 216 (1) (a) (b) (2), 251A(1)(2)(3)(4), 251B (1)(2), 338(dd), 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u s-sussegwenti ammissjoni tal-imputat wara li giet ikkonfermata minnu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(b)(2), 251A(1)(2)(3)(4), 251B(1)(2), 338(dd), 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputat Ian Zammit hati tal-akkuzi kollha u minflok ma tinfliggi piena qed timponi digriet taht l-Artikolu 412C hawn anness u li ghandu jifforma parti minn din is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussujonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------